**31 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D.**

Michael Scerri *noe*

*versus*

Charles Zammit

**Kontumaċja - Ġustifikazzjoni ta' - Nuqqas ta'**

*l-konvenuti ma wrewx għas-sodisfazzjoni tal-Qorti raġunijiet li permezz tagħhom setgħu jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine* ppremetta:

"Illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' elf mitejn u erbatax-il lira Maltija u tmienja u erbgħin ċenteżmu (Lm1,214.48,0) rappreżentanti ammont dovut wara bejgħ u konsenja ta' merkanzija (Statement Dokument "A");

Illi avolja interpellat anke b'ittra uffiċjali ddatata 12 ta' Jannar,

1994 biex iħallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u skadut u l-attur *nomine* qiegħed jippreżenta ma' din iċ-ċitazzjoni affidavit ġuramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Dokument "B");

Talab li din il-Qorti, għar-raġunijiet premessi:

Tikkundanna l-konvenut iħallas is-somma ta' elf, mitejn u erbatax-il lira Maltija u tmienja u erbgħin ċenteżmu (Lm1,214.48,0) rappreżentanti l-ammont dovut wara bejgħ u konsenja ta' merkanzija;

Tiddeċidi l-kawża skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Jannar, 1994 u tal-mandat ta' qbid ippreżentata fil-21 ta' Lulju, 1994 (nru. 2429/94) u bl-interessi legali kontra l-konvenut mid-data tal-konsenja kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat li l-konvenut ġie debitament innotifikat bl-att taċ-ċitazzjoni fid-19 ta' Jannar, 1995 u dana wara li fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 1994 il-Qorti kienet ħalliet il-kawża biex tiġi trattata bil-proċedura ordinarja minflok b'dik ikkontemplata fl-artikolu 167 (1) tal-Kapitolu 12. Il-konvenut baqa' ma ppreżentax nota ta' l-eċċezzjonijiet;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 1995 il-Qorti laqgħet it-

talba tal-konvenut li jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u dderiġitu jagħmel rikors għal dan il-fini. Rikors li baqa' ma għamilx. Minflok dakinhar stess *il-konvenut - bla awtorizzazzjoni tal-Qorti - pprezenta* eċċezzjonijiet fir-Reġistru. Eċċezzjonijiet irritwali li l-Qorti qiegħda preseńzjalment tordna l-isfilz tagħhom;

Rat illi avolja ma ġiex intavolat ir-rikors ġustifikattiv tal-kontumaċja, il-Qorti ippermettiet lill-konvenut u lill-martu jixhdu dwar iċ-ċirkostanzi li minħabba fihom, skond huma, ma ġietx intavolata nota ta' eċċezzjonijiet in opposizzjoni tat-talbiet attriċi;

Rat il-verbal tal-11 ta' April, 1995 li bih il-kawża tħalliet għal-lum għad-deċiżjoni dwar il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja u jekk ikun il-każ għas-sentenza fil-meritu;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut u martu bl-ebda mod ma kkonvinċew lill-Qorti illi kienu avverraw ruħhom ċirkostanzi li b'xi mod setgħu jiġġustifikaw fil-liġi il-kontumaċja. Il-konvenut isostni illi hu ma kienx irrisponda ċ-ċitazzjoni, għaliex il-mara tiegħu (li jirriżulta li rċeviet in-notifika) ma wrietilhux. Ma jidhirx pero` li kien hemm xi raġuni għaliex martu ma kellhiex tagħtih iċ-ċitazzjoni. Kienet qabel tatu il-kopja tal-mandat kawtelatorju li l-attur kien ottjena mill-Qorti kontra l-konvenut in kawtela ta' l-istess meritu tal-kawża. F'dik l-okkażjoni martu ma ħasbitx li setgħet "tinkwetah". Di piu` il-mara tixhed li l-ewwel irċevew iċ-ċitazzjoni u wara ġiet innotifikata bil-mandat. Tixhed: "*Meta ġie l-mandat, kellna ngħidulu* bilfors lir-raġel". Il-fatti kronoloġiċi juru mod ieħor. U jekk il-konvenut u martu jaqblu li "bil-karta tal-mandat" marru jiġru għand l-Avukat, ma kien hemm xejn x'iżommhom milli hekk jagħmlu bl-

att taċ-ċitazzjoni. Ċertament kellhom kull interess u dover li jirrikorru għall-protezzjoni tal-konsulenza ta' l-Avukat tagħhom fi żmien stabblit fil-liġi;

Il-konvenut għalhekk ma ġġustifika bl-ebda mod il-kontumaċja tiegħu u l-iskużanti minnu avanzati huma inattendibbli;

Fil-kontumaċja tal-konvenut, id-domanda attriċi jisthoqqilha li tiġi akkolta in kwantu ppruvata bid-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur u d-dokumenti ġustifikattivi magħha minnu prodotti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* kif dedotta, bl-ispejjeż;

Jiddekorru l-imgħax fuq l-ammont b'din is-sentenza kanonizzat skond kif mitlub mill-istess attur *nomine*.